MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 15/2004

**A B**
**vs**
**C D, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, u l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar nominati kuraturi specjali b' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju 2008 biex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-attur kellu relazzjoni intima mal-konvenuta C D, madwar sentejn ilu;

Premess illi minn din ir-relazzjoni il-konvenuta inqabdet tqila minn wild ta' l-attur;

Premess illi l-konvenuta welldet it-tarbija de quo minn wara dahar l-attur, filwaqt li lilu infurmatu li kienet korriet;

Premess illi ad insaputa ta' l-attur, il-konvenuta kienet welldet tifla nhar l-24 ta' Ottubru 2001 fil-4:55pm fl-isptar San Luqa, liema tarbija giet imsemmija E F skond l-anness certifikat markat Dok IM1;

Premess illi minhabba li l-konvenuta welldet ad insaputa ta' l-attur, missier it-tarbija gie mnizzel bhala 'mhux maghruf' kif jindika ic-certifikat DOK IM1;

Premess illi ad insaputa ta' l-attur, il-konvenuta tat ghal adozzjoni l-istess E F;

Premess illi ricentement l-attur skopra illi l-konvenuta kienet welldet it-tarbija li kienet qed tistenna minghandu nhar l-24 ta' Ottubru 2001 u li kienet tat din l-istess tarbija in adozzjoni minghajr ma kien jaf u ghalhekk minghajr il-kunsens tieghu;

Premess illi minhabba din l-adozzjoni l-attur ma jistax jirrikonoxxi lill-minuri E F bhala bintu skond il-procedura kontemplata fl-artiklu 87(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Premess illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri E F u ghalhekk jehtieg illi l-paternita' tal-minuri tigi determinata definittivament minn din l-Onorabbli Qorti;

Premess illi jehtiegu li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fuq l-att ta' twelid tal-minuri E F billi kull fejn hemm indikat li missier il-minuri huwa 'mhux maghruf' jew 'unknown' dawn il-kliem jigi mhassat u sostitwit b' isem u kunjom l-attur;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri E F mwielda fl-isptar San Luqa fil-

4:55pm ta’ l-24 ta’ Ottubru 2001 mill-konvenuta, okkorrendo bl-opera ta’ testjiet tad-DNA;

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fuq l-att ta’ twelid ta’ E F billi kull fejn hemm indikat li l-missier tal-minuri huwa ‘mhux maghruf’ jew ‘unknown’ dawn il-kliem jithassar u jigi sostitut b’ isem u kunjom l-attur;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna mhix proponibbli peress illi din l-azzjoni trid issir fil-konfront tal-persuni kollha interessati fosthom il-genituri adottivi u t-tarbija adottata li m’ humiex bil-ligi rintraccabbli.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju l-azzjoni odjerna hi wkoll improponibbli stante illi skond il-ligi, l-adozzjoni taqta’ kull konnessjoni bejn il-genituri naturali u l-persuna adottata u dana ai termini ta’ l-Artikolu 121 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk l-attur se mai, irid qabel xejn jimpunja d-digriet ta’ l-adozzjoni skond l-Artikolu 35 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Illi fil-mertu, ikun mehtieg illi huwa jgib il-prova ta’ paternita’ tal-persuna adottata fi kwalunkwe kaz ex lege mhix rintraccabbli u liema prova ma tista’ qatt issir peress illi t-tarbija mhux rintraccabbli.

4. Illi fi kwalunkwe kaz din l-azzjoni mhix attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenuta li ghaldaqstant m’ ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fl-14 ta’ Dicembru 2006;

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju 2008, li permezz taghha gew nominati l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar "kuraturi specjali mhux bhala partijiet, izda aktar bhala amici curiae [biex] jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri fl-atti ta' din il-kawza";

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li huwa huwa l-missier naturali tal-minuri E F li twieldet mill-konvenuta C D fl-24 ta' Ottubru 2001.

**Il-Fatti**
Mill-provi jirrizulta li l-attur kellu relazzjoni mal-konvenuta C D li sussegwentement harget tqila. Waqt it-tqala l-partijiet infirdu, u l-konvenuta marret tghix ma' persuna ohra li kienet tafu minn qabel. L-attur jghid li huwa baqa' jsegwi z-zmien tat-tqala u wara li ghaddew xi xhur u pprova jinforma ruhu dwar it-tarbija, huwa kien gie informat li l-konvenuta kienet korriet u tilfet it-tarbija; izda sussegwentement sar jaf minn verifiki li ghamlet ommu li dan ma kienx minnu u li fil-fatt it-tarbija twieldet u giet moghtija mill-konvenuta ommha l-isem ta' E F u registrata bhala "missier mhux maghruf".

Fil-frattemp il-konvenut sar jaf li t-tifla giet moghtija in adozzjoni ad insaputa tieghu. Fl-affidavit tieghu jghid li l-konvenuta kienet dahqet bih meta hbiet it-twelid tat-tifla u, wara, taghtha in adozzjoni. Ghalhekk huwa ddecieda li jiehu passi legali u "bdejt din il-kawza biex nigi rikonoxxut bhala l-missier u niehu kura u l-kustodja tat-tifla."[1]

*Verzjoni Konvenuta C D*
Illi fix-xhieda taghha din il-konvenuta tikkonferma li qabel it-twelid tat-tarbija E F hija kienet f' relazzjoni stabbli ghal xi xhur ma' l-attur. Eventwalment, dawn kienu ddecidew u

[1] Fol.21

ppjanaw li jkollhom tarbija minn din ir-relazzjoni, u ghalhekk fir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom l-att taz-zwieg kien jisir komplet bil-ghan li jkollhom tarbija, bir-rizultat li din il-konvenuta harget tqila.

Illi fil-hames xhur tat-tqala', giet terminata r-relazzjoni ta' bejn dawn il-partijiet. Il-konvenuta tghid li l-inkwiet kien inqala' ghax hi riedet li l-attur imur jghix maghha, izda huwa "qalli ma nafx u hallieni b' hekk….u ma regghax gie."[2] Meta twieldet it-tifla, il-konvenuta ma qaltlux lill-attur, peress li kienet hadet ghaliha li dan kien telaqha waqt it-tqala.

Meta twieldet it-tarbija, hija ddecidiet li ma zzomx it-tifla, izda tpoggiha go istitut "ghax jekk isir jaf missierha biha jiena nkun nista' nurihielu."[3] Di fatti t-tifla, kif twieldet, ittiehdet ghand l-Ursolina f' Tas-Sliema, u l-konvenuta kienet tmur taraha hemmhekk, sakemm it-tifla giet eventwalment moghtija f' adozzjoni.

Il-konvenuta tikkonferma li fiz-zmien tal-koncezzjoni tat-tarbija hija kellha x' taqsam biss ma' l-attur, u hi m' ghandha ebda dubju li t-tifla hija tieghu. Dwar dan il-fatt kienet kategorika fix-xhieda taghha.

Tispjega ulterjorment li l-hsieb taghha ma kienx li taghti lit-tifla f' adozzjoni, imma li tpoggiha f' istitut, jew li tatiha lil wahda minn hutha biex trabbiha hi; izda meta kienet kelmitha l-Haddiema Socjali Laura Agius, din ma accettax li titrabba minn hut il-konvenuta. Wara, il-konvenuta ffirmat xi dokumenti. Tghid pero' li hi ma kinitx taf li qeda taghti lit-tifla f' adozzjoni.

*Verzjoni Attur*

Minn naha tieghu, l-attur jghid li huma kien bdew johorgu flimkien fis-sena 2000 "bejn wiehed u iehor."[4] u jikkonferma li, circa xahar wara li huma kienu ppjanaw li jikkolhom tarbija mir-relazzjoni taghhom, il-konvenuta kienet harget tqila.

---

[2] Fol.115
[3] Fol.119
[4] Fol.132

Sussegwentement, ir-relazzjoni giet terminata meta l-konvenuta kellha sitt xhur tqala; izda jaghti spjegazzjoni differenti dwar it-terminazzjoni tar-relazzjoni. Huwa jghid li meta kien cempel lill-konvenuta fuq il-mobile sema' l-lehen tal-persuna li kienet maghha qabel ma bdiet ir-relazzjoni mieghu.

*Verzjoni Laura Agius*

Illi fix-xhieda taghha din tghid li meta l-konvenuta kellha t-tarbija kienu baghtu ghaliha mill-Isptar u kienu "qaluli hawn wahda mara, kellha l-baby, u trid ittih ghall-adozzjoni. Jiena kont is-social worker ta' l-adoption unit."[5]

Meta x-xhud kellmet lill-konvenuta fl-isptar, din qaltilha li riedet tirregistra lit-tarbija bhala wild ta' 'missier mhux maghruf'. Il-konvenuta ammettiet maghha li kienet taf minn hu l-missier, izda qaltilha "imma issa m' ghadniex flimkien."[6] Ix-xhud tghid li l-konvenuta ma kinitx semmietilha l-isem tal-missier.

Ix-xhud tikkonferma li hi mxiet mal-procedura solitament segwita f' dawn il-kazijiet, u kienet spjegat lill-konvenuta s-sinifikat ta' adozzjoni. Jidher li l-konvenuta kienet accettat, u konsegwentement ix-xhud kienet halliet nota ma' l-awtoritajiet ta' l-isptar "li ezatt kif tigi discharged mill-isptar [it-tarbija] tintbaghat il-Creche."[7] Dan kien dak inhar stess tat-twelid jew l-ghada. Sussegwentement it-tifla ntbaghatet il-Creche, u wara sitt [6] gimghat il-konvenuta iffirmat il-karti ta' l-adozzjoni.

Ix-xhud tikkonferma li ma kienx hemm problemi f'dan il-kaz, u tikkonferma wkoll li t-tifla kienet inghatat l-isem ta' E.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti, wara ezami rett tal-provi, u wara li semghet ix-xhieda, hija tal-fehema li jezistu provi sodisfacenti li

[5] Fol.155
[6] Fol.156
[7] Fol.158

jwasslu ghall-konkluzjoni li t-tifla E F li twieldet mill-konvenuta C D fl-24 ta’ Ottubru 2001, hija bint l-attur.

Huwa minnu li hemm diskrepanza fix-xhieda moghtija mill-Haddiema Socjali Laura Agius u l-istess konvenuta dwar jekk din riditx verament taghti lit-tifla f’ adozzjoni; izda din id-diskrepanza, li tista’ ssib ir-raguni taghha fil-fatt li l-konvenuta qed thossha taht pressjoni mill-attur jew mill-familjari tieghu, hija ncidentali ghall-vertenza in dizamina, u, tenut kont tal-provi akkwiziti, ma ddghajjifx il-konkluzjoni li t-tifla hija l-wild naturali ta’ l-attur.

F’ dan ir-rigward il-Qorti tosserva li l-provi kienu pacifici, u l-konvenuta kienet kategorika meta sostniet li t-tifla kienet tal-konvenut; it-tifla kienet ippjanata mill-partijiet meta allura kellhom relazzjoni stabbli, u sa hames xhur tqala’ ir-relazzjoni kienet ghadha ghaddejja. Kien biss sussegwentement, li giet terminata r-relazzjoni ta’ bejniethom; u, inoltre, meta l-konvenuta weldet hija hasset li ma kellhiex tinforma lill-attur bit-twelid peress li kienet hadet ghaliha li hu kien telaqha waqt it-tqala, spjegazzjoni, din, li fil-fehema tal-Qorti hija verosimili fic-cirkostanzi, multo magis fid-dawl tal-fatt li t-tqala kienet mifthema u ppjanata bejniethom

In fine jigi osservat li, l-fatt li l-minuri mhux personalment maghruf mill-attur, kif ukoll il-fatt li ma saritx il-prova genetika, ma jdghajjifx din il-konkluzjoni, stante li saret prova sodisfacenti ta’ dawn il-fatti: [1] li l-konvenuta fil-fatt kienet welldet it-tarbija fl-24 ta’ Ottubru 2001, u li fl-att tat-twelid taghha giet registrata bl-isem ta’ Kimberley; [2] li din it-tarbija, li t-twelid taghha kien gie mohbi mill-konvenuta, twieldet mit-tqala li hi kellha mill-attur; u [3] li t-tarbija li kienet inghatat f’ adozzjoni mill-konvenuta ommha, hija l-istess tarbija li twieldet mill-attur.

Dwar dawn il-fatti, il-provi huma pacifici u, fil-fehema tal-Qorti, sodisfacenti.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti wasslet ghall-konkluzjoni li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara li t-tifla E F li twieled mill-konvenuta C D fl-24 ta’ Ottubru 2001, u registrata fl-att tat-twelid taghha numru 4426/01 bhala bint ta’ “unknown father”, hija fil-fatt il-wild naturali u bijologika ta’ l-attur A B; u, [2] konsegwentement tilqa’ t-tieni talba fit-termini taghha.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta C D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------